# IL ĦABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil ġimgha il Cbira u il ġimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil-kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk.—Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f 'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb*.
Proprietarju: il *Cumitat tal Għakda tal Appostulat tat-Talb*, li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, għall gid tal Maltin.
Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)
Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).
Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

L' EŬŬEL SENA. IT-TLIETA, il 10 TA DICEMBRU, 1912. NRU. 44.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Il Concors.

Il Professur Dun Carm Psaila u is-Sur Albertu Cesareo, ŭara tliet siegħat xogħol, f'żeŭġ lakgħat li għamlu mad-Direttur tal *Ħabib*, magħlukin fl'Uffizzju tal Palazz *Caraffa*, għażlu għall *Premju* il Poeżija bil kaddis ta *Ginu*. Imbagħd, chitbu ir-Rapport taħħom b'rekka cbira—Rapport, li, bħalma ŭegħdna, jigi stampat fil *Ħabib*, flimchien mal Poeżija, fil ġimgħa tal Milied—u, dejjem taħt għajnejn id-Direttur, ħarku l'ittri bl'ismijet magħlukin tal chittieba l'oħra collha, chif ucoll il Poeżiji taħħom, bl'inforor b'collox; u, fl'aħħar, fetħu l'ittra bil kaddis ta *Ginu*, li insabet bl'isem tas-Sur G. MIFSUD-BONNICI. Nifirħulu bil kalb. Il bkija għall ġimgħa tal Milied.

## TINSEŬX......

*nhar is-sibt li ġejj*, fl'erbgħa ta ŭara nofs in-nhar, tiftaħ il

### Fiera cbira

li sejjra issir fil Palazz Caraffa—u tibka miftuħa sa fil għaxija nett.

Imbgħad,

### nhar il ħadd

tarġa tibda *mit-tmienja ta fil-għodu sa nofs in-nhar*—u mis-sagħtejn u nofs SAS-SEBGħA ta fil għaxija.

Minn collox icun hemm: CINEMATOGRAFU, TEATRIN, CANT, DAKK, TITLIĦ TAX-XORTI, LOTTERIJI, BOTTEGHIN, DOLCERIJA, BOSTA PASSATEMPI u

### Bejħ bir-rħis

ta ħŭejjeġ u ta oggetti mill'actar imżeŭŭkin, li diġà kiegħdin jaslu bil mijet u bl'eluf.

Icun hemm ucoll il Banda tal *Furjana* u *Orchestra Mandolinistica*.

Dan collu biex il kliem imur *sal inkas ħabba* għall Caxxa tal GħAKDA GĦALL GĦAJNUNA TA XULXIN BEJN IL ĦADDIEMA U IN-NIES TAS-SNAJJA—jigifieri biex il Ħaddiem icollu il għajnuna *mita jimrad*, jeŭ *icorri fuk ix-xogħol*, jeŭ *isib ruħu kiegħed* contra il volontà tiegħu, chif ucoll biex uliedu icunu mgħallmin li Scola u jecc jigi niekes *icunu mgħejjuna ħuma u martu maħħom.*

Ħaġa mkaddsa! Xirca għażiża, minn daŭc li fil bliet il cbar taddinja il Ħaddiema sejjrin il-kuddiem bihom, għad li haŭn, disgrazzjatament, għâdna ma fhimnihomx biż-żżejjed!

Bosta persuni mill'aħjar—irġiel u u nisa—jieħdu sehem f'din il

### Fiera cbira,

u jaħdmu bil cant, bid-dakk, bir-recitar, b'cull xorta ta xogħol—*saħansitra billi jagħmluha ta* BGĦEJJEĦA TAL OGGETTI — biex igħinu il Ħaddiema.

U biex il fkir jista jieħu sehem ucoll f'din il

### Festa tal Għajnuna u tal Carità,

collox icun *bir-rħis*.

CULL-ĦADD JISTA JIDĦOL **B'XEJN.**

Min ma jakbeżx kabża sal *Palazz Caraffa*, (strada Forni, 94)?....

Tinseŭx: *nhar is-sibt li ġejj*, mil-l'erbgħa il-kuddiem; u *nhar il ħadd*, mit-8 sa nofs in-nhar u mis-sagħtejn u nofs sas-sebgħa ta fil għaxija.

## Cunferenza fuk il Ligi Criminal.

Ŭegħdna li għandna ngibu haŭn din innitfa ta *Cunferenza* bil Malti, magħmula mid-Direttur tal *Ħabib* lill'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica*, fis-17 ta novembru li għadda; u, biex ma 'ndejjkux il karrejja tagħna biha, sejjrin ingibuha f'darbtejn. M'hemmx bżonn narġgħu ngħidu li aħna għamilniha għax conna iccmandati u li ma ħrigna b'ebda għerf, imma bi ftit tal pratca għal min ma jaf xejn, għax dan collu jinsab mictub fiha stess. Ngħidu biss—biex niscużaŭ-ruħna—li ma conniex ingibuha haŭn, chiecu ma talbuhiex daŭc li semgħuha l'eŭŭel darba, imkanklin mil Monsinjur Dun Paŭl Galea. Il *Cunferenza*, bħalma jafu daŭc collha li semgħuha, chienet mictuba minn kabel; u chif krajniha lilhom, hecc sejjrin ingibuha chelma f'chelma:—

Ngħidilcom is-seŭŭa, aħŭa tiegħi: xtakt li illum jitchellem magħcom xi ħadd ieħor minn f'lochi: xi ħadd li jista jaticom daŭl actar minni, għax seŭŭa fil Cumitat tagħna u seŭŭa fost l'Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica* għandna bosta li jistgħu jifthulcom għajnejcom u ipaxxulcom klubcom bit-tagħlim taħħom, bħalma rajtu fil Cunferenzi li għaddeŭ u bħalma għad taraŭ, bil għajnuna t'Alla, fil Cunferenzi li għad isirulcom.

U dan m'inhiex kiegħed ngħidilcom biex taparsi nagħmilha ta umli—u inkas biex inbeħħhielcom b'għâlja, għax intom tafu li jen bin il Poplu bħalcom, u dan katt ma sthajt ngħidu, anzi niftaħar bih—u għal hecc inħobb naħdem għall Poplu u nagħmilha miegħu: imma għax kiegħed inħoss tas-seŭ f'kalbi li sata ingħażel biex jagħmel din il Cunferenza xi ħadd akŭa minni.

Iżda aħna, f'dan il Cumitat tal *Unjoni Cattolica*, kisuna bħall *Missjunari*: il Cap tagħna, bħall Cap tal Missjoni, ikassam ix-xogħol u aħna inbaxxu rasna. Hu jati il priedchi u aħna nigu nagħmluhom. Ma dan collu, mita ngħidu li nixbħu lill Missjunari ma ncunux kiegħdin ngħidu xi ħmerija. Aħna ucoll Missjunari: u il Missjoni tagħna hi li induru bil ħaddiema u bin-nies tassnajja, li nitħalltu maħħom u naħdmu għalihom, biex niġbruhom ma dŭarna f'din il *Għakda Mkaddsa* u natuhom id-daŭl tal moħħ u it-tieba tal kalb, flimchien ma cull għajnuna biex igħixu aħjar, biex icollhom mogħdijet taż-żmien xierka, biex itellgħu tajjeb l'uliedhom, biex fil mard u fil bżonn ma isibux ruħhom b'idhom f'idhom.

U f'Missjoni bħal din chien ŭisk mexxej li magħna is-Seculari jingħakdu Sacerdoti mill'aħjar u mill'akŭa, għax fejn hemm irrġulija, hemm ir-Religjon—jeŭ, biex ngħid aħjar, fejn m'hemmx Religjon, m'hemmx irġulija!

Mela, jigifieri, la darba il Cap tagħna illum ried jibgħat lili nitchellem magħcom, jena ġejt: u intom icollcom tieħdu pacenzja bija.

Imma nitlobcom temmnuni li jen icconfondejt bis-sôd fuk hiex nibda nagħmel din il *Cunferenza*.

Għedt f'kalbi: Jeŭ li *Storja ta Malta* jeŭ x'intietef tal Ligi iridu jeħlu ma rasi: jecc nitchellem fuk ħaġ'oħra, tcun presunzjoni għalija. Imma, jecc noħroġ b'li *Storja ta Malta*, nispiċċa biex nirracconta daŭc il ġrajja li jen diġà ctibt fir-*rumanzetti-storici* tiegħi u li intom tafuhom daksi. Mela.... mela il Ligi.... ngħidilcom xi ħaġa żgħira fuk il Ligi—mhux fuk il Ligi bħala *xienza*, għax dic tkila għalicom u tkila għalija,

imma xi ħaġa tal pratca biex tcunu tafu fuk-fuk xi ftit minn dac li tistghu tiġu fiħ cull mument......

Hemm il ligi *civili*, il ligi *commerciali* u il ligi *criminali*. Fuk l'eŭŭel tnejn ma nitchellmu xejn, ghax inchella niġbdu fit-tul ŭisk. Nitchellmu fuk il *Crimnal* biss, ghax hu l'actar ta min iħares ruħu minnu.

Fil *Crimnal* hemm id-*delitti* u hemm il *contravvenzjonijet*: jigifieri il *ħtijet cbar*, maghmulin bil volontà ħażina ta min irid jaka fihom, bħalma huma il *ktil*, is-*serk*, il *ferimenti*, il *kerk*, il *firmi foloz*, il *ħŭejjeġ mokżieża* u bosta oħrajn bħal daŭn, li jitħallsu bil ħabs; u il *ħtijet ħfief*, li tista taka fihom bla ħsieb xejn, bħalma huma li tħalli żiemel ŭaħdu fit-triek, li ma tmurx ticteb it-tŭielid ta tarbija, li ma taghlakx il ħanut fil ħin, li tinsa sellum barra mal lejl u ħŭejjeġ irkak bħal daŭn, li jitħallsu l'eŭŭel darba actarx bi tŭiddiba u b'ċanfira u imbaghd bil ħlas ta ftit flus—tmintax irbighei, ħames xelini, nofs lira, scond il miżien tal Magistrat.

Jen jidhirli li actar ghandi nitchellem maghcom fuk il *Contravvenzjonijet*, li fihom jista jaka cull-ħadd, ghax intom, Imsieħbin tal *Unjoni Cattolica*, m'inthomx irgiel tad-*Delitti*.—Tas-seŭ li siegha ħażina tista tigi fuk il galantom ucoll: u biex tnejn min-nies jaslu f'*delitt tad-demm*, irrid nghid f'*feriment*, biż-żejjed jibdeŭ imieru lil xulxin fuk ħaġa ta xejn, per esempju fuk il misħuta partiti, u imbghad jisħnu: imma tcun disgrazzja cbira biex dan, Alla ħares katt!, jiġri lilcom, ħafna irgiel tal ghakal. Inchellimcom, mela, fuk il *Contravvenzjonijet*, li kieghdin jinbtu u joctru cull mument: u ma 'rridx ninsa nghidilcom li, chif ghamlu il Ligi issa, mita ŭieħed jeħel actar minn darba fuk li stess *Contravvenzjoni* geŭŭa tliet xhur, jigifieri jarġghu iresskuħ ghaliha jeŭ ghal ŭaħda tixbaħħa, il Magistrat jista iŭaħħlu il ħabs. Ghal hecc xejn la tistaghġbu mita, per esempju, tisimghu li stess Magistrat, f'li stess seduta, iŭaħħal ŭieħed fuk il *loghob tar-rest* ħames xelini u ieħor fuk li chien ibieħ il ħaxix ma dŭar is-suk ħmistax il ġurnata detenzjoni. Jidhrilcom li dac m'hux ħakk tajjeb: imma, scond il Ligi taghna, hu!

Hemm, imbaghad, il *Contravvenzjonijet* li ghalihom ghandha timxi il Pulizija minn jeddha; u hemm oħrajn li hi ma tistax toħroġ it-taħrica jecc min icun muġuħ ma jaghmilx rapport. Per esempju, jecc inti titfa ftit ilma barra (ghalavolja nadif u ċar daks il cristall), jecc inti tghajjat biex tbieħ il ħalib jeŭ xi ħaġ'oħra, jecc inti takla ħaxixa ħażina minn fuk sur, il Pulizija tħarrchec minn rajha: imma jecc ŭieħed iferic, basta mhux gravi u bl'armi, nghidu aħna b'dakka ta ponn jeŭ ta gebla, l'eŭŭel nett biex toħroġ it-taħrica hemm bżonn ir-rapport tieghec (u il Pulizija inkas hi obbligata taghmilhielec dejjem) u imbaghd il Magistrat, trid jeŭ ma tridx il Pulizija, jecc inti traġġa l'ura ir-Rapport chif tcun tixhed kuddiemu, iŭakkaf il caŭża minnufiħ u jibghat l'imħarrec ilbarra.

L'actar tar-rekka ghalicom hu li tcunu tafu xi ħaġa fuk l'*ingjurja*: jeŭ, biex niftehmu aħjar, fuk l'*insolenzi* u il *malafami*. U sejjer niekaf nitchellem fuk daŭn, ghax, biex nghidilcom is-seŭŭa, l'actar li ghażilt dan l'argument imħabba fihom.

Cull xorta ta *tghajjir*, *insolenzi* u *malafami*, seŭŭa maghmulin bil fomm u seŭŭa bil mictub, seŭŭa bil cliem u seŭŭa bis-sinjali, seŭŭa fil ŭiċċ u seŭŭa minn ŭara, il Ligi tghidilhom *ingjurji*: u fuk daŭn isiru qŭasi il caŭżi privati collha, jigifieri daŭc il caŭżi fejn in-nies iħarrcu il xulxin bi flushom u il Pulizija ma tindaħal xejn ħlief biex toħroġ iċ-citazzjonijet u tieħu fihom tant il ŭaħda. Il Ligi tghidilhom collha *ingjurji*: imma il Poplu jaghmel seŭŭa li dakka isejjħilhom *insolenzi* u dakka *malafami*, ghax il Ligi per l'appuntu taghmel differenza cbira bejn *ingiurja vaga* u *ingjurja specifica*: u daŭn huma seŭŭa-seŭ l'*insolenzi* u il *malafami*.

Ghall'*ingjurji vaghi*—jigifieri *insolenzi*—hemm il piena tal *Contravvenzjonijet*, tŭiddiba jeŭ ħlas ta flus (minn tmintax irbighei sa ħames liri) u cull tant fil bghid xi ġranet detenzjoni: imma ghall'*ingjurji specifici*—jigifieri *malafami*—hemm il piena tad-*Delitti*, ħabs (prigiunija), jeŭ multa (minn ħames liri sa ghoxrin), jeŭ it-tnejn flimchien, prigjunija u multa, mita il malafama tcun ħoxna ŭisk.

Tarġa, l'*ingjurja vaga*—l'insolenza—tmut fi tliet xhur, jigifieri mita ighaddu tliet xhur minn dac in-nhar li tcun saret, ma tistax tħarrec iżjed ghaliha; anzi, sa ftit snin ilu, chienet tmut f'xahar: imma l'*ingjurja specifica*—il malafama—hemm sentejn żmien biex tħarrec ghaliha. Dan, barra mil kabża cbira li hemm fil piena, chif ghedna issa, juri ucoll il Ligi chemm tkisha actar kalila.

Hemm fost l'*ingjurji vaghi*—jigifieri fost is-semplici insolenzi—ŭaħda li tmut f'sena: dic li tcun maghmula bil mictub: imma m'hix mexxejja, ghax, fost il caŭżi tal ingjurji li jidhru fil Krati, ma tigix darba fil mija. Il biċċa il cbira tal caŭżi tal ingjurji isiru fuk tghajjir jeŭ sefsif fil ŭidnejn: u mita issir x'ingjurja bil mictub, actarx tcun b'*ittra anonima*—l'acbar viltà li jista jaghmel il bniedem, ghax jitfa il gebla u jaħbi idu!

*(Jissocta)*

FL-GHAMIL TAN-NATURA
MA GHANDUX X-JAKSAM IL CAS.

*(Jissocta man-numru 43)*

Ix-xerrieħa (1) għidulna illi l-fuied u l-pancris (2) per mezz ta' xi umur irattbu l-ichel chemm jinħtieġ, u miż-żeuġ canali tagħhom jgħaddi dan l'ichel hecc imrattab u quasi maħlul, li fil bidu tal-canal ta' l-imsaren hu quasi ħmira bil-bosta minħieġa biex issir dic issustanza li ghandha l-virtù li tgħajjex, għaliex din is-sustanza quasi maħlula per mezz ta' l-imsaren tidħol minn geuua daħliet bil-bosta dojjok f-cotra cbira ta' canali li fil-leun għandhom mil-ħalib, li mħabba din is-sustanza jgħaddu minn bejn bosta għokdiet ċchejcnin kabel ma jbidduha fil-lôc eulieni tagħhom fejn jingabar l-umur: u haun din is-sustanza li tgħajjex titħallat ma' dan l-umur, titla' għall vina xellughija msejħa *succlavja* u tasal fl-aħħar imħalta bid-demm per mezz tal-vina msejħa *cava* fil-ħofra l-lemenija tal-kalb. U dan ma hux biż-żejjed, għaliex fil-bocca tal canali li minnhom tgħaddi s-sustanza li tgħajjex jinsabu bosta rimedji contra t-tifuir tal-fluidu u jitkassmu tant ingenji li biex ngħidu collox sgur li katt ma nispiċċau. Issa liema maħluk għandu l-uiċċ li jtenni illi f-dan l-għamil tan-natura hu fin-nofs il-cas? Min jtenni dan, bir-ragiun collu jistħokklu li jintgħalak f-geuua manicomju biex jiddeuua bl-elleboru; u għalhecc, biex ma ntaulux, ma għandniex għal fejn nokogħdu ngarfu t-taħdit ta' l-ateisti jeu aħjar tal-materjalisti u positivisti li biħ iridu għattaparsi juru illi l-għamil tan-natura ma hux

(1) Huma dauc li għandhom is-sengħa li jaktgħu l-gisem ta' l-annimal biex jagħarfu s-sura, t-tkegħid etc. ta' cul parti tal-gisem tiegħu.

(2) Hu organu tal-gisem li jinsab fil-ħofra taz-zakk destinat biex jagħżel xi ummr li, forsi biex jgħejn id-digestioni, jitbiddel fi-imsaren.

effett ħlief tal-cas: iżda sabiex icun sgur għal collox imuakka' l-cas, inuegħedu li nuru għalli gej illi mil-kauua ta' li stess effetti tan-natura jidher li huma ma humiex gejjin minn cas, iżda minn cunsill.

E. F.

# Biedja.

*DICEMBRU—Ix-xahar tax-xita.*

Dac li jidher u isir fil biedja.

Iraħħas—il bużbież.
Isajjru—il lumi larinġ u il larinġ mandurin.
Jinżghu—iċ-cirasa, il pestaċċi, il cappâr u il koton.

Xoghol tal bdieŭa.

Fir-raba baghli:

Tinżara—it-tomnija.
Jitħaŭŭel—il basal u it-tin.
Jinkala—il bużbież.

Fir-raba sakŭi u fil ġonna:

Jinżarghu—il leŭż u il bkajla.
Jitħaŭŭlu—il ħaŭħ, il ghambakar, id-dielja, it-toffieħ ta billudja u il fraŭli.
Jitlakkmu—il berkuk, il ghambakar, iċ-ciprisc fuk il prain u il lanġas fuk li sfargel.
Tinżabar—id-dielja.
Jinghalef—in-naħal.

Proverbji:

Chiecu l'art chienet tati dejjem, il bidŭi katt ma ifalli;
Meta l'art tonkos, il bidŭi dejn iħalli.
Marret is-sena, u il ġdida ghodda mibdija;
Niżżu-ħajr ll'Alla u lil collħadd cbira thennija.

CROMB TAŻ-ŻEJT (*Ravvizzone.*)

Il Cromb taż-żejt hu razza ta Cromb, illi fiż-żerriegha tieghu jinsab iż-żejt. Din ix-xitla, mnissla ġà fil parti tat-tramuntana tal Eŭropa, issir tajjeb fl'art taghna: trid artijet ħfief u ftit xoghol. Tixrob bosta l'art, bħalma jaghmlu ix-xtieli l'oħra collha taż-żerriegha u fuk collox daŭc li ghandhom fihom iż-żejt; ghalhecc din ix-xitla ma ghandhiex titħaŭŭel f'li stess raba, ħlief ŭara sitt snin, jecc trid tieħu minnha ŭiċċ tajjeb. Tati sittax b'ŭieħed, jeŭ, biex niftiehmu aħjar, ma dŭar ħdax il tomna cull tomna raba. Iż-żerriegha ta din ix-xitla tati żejt tlieta u tlietin fil mija, illi, mseŭŭi dan iż-żejt b'li spirtu tal vitrijol, jixghel f'li msiebaħ; u, scond l'osservazzjoni tal gharef Schubler, cull 44 katra minnu idumu jixghelu siegha shiħa. Iservi mhux biss ghax-xghil dan iż-żejt, imma ucoll biex jintaghmel is-sapun isŭed, biex jisseŭŭeŭ il ġlud, u, iddistillat, joħroġ minnu dac li il Chimici isejjħulu *gas idrogenu carbonatu*, ħaġa li isservi ghall mixlgha tal lampi u hecc. Dac li jlbka, ŭara li tintaħan diż-żerriegha, servi ghat-tismin tal bhejjem, li daŭn tant jaghmlu ghaliha, u hecc jitħallsu li spejjes tat-tħin taħħa. Din li stess xitla, meta tcun ghadha ħadra, hi ucoll tajjba ghat-tmiħ tal annimali. Din ix-xitla giet maħduma fl'art taghna u il ŭiċċ li minnha ittieħed chien ta tnax il-tomna cull tomna raba, ġabra li sebket il dic tal pajjiżi oħra collha u ma chienetx sena tajjba ghall'imchien. Ma nistghux nifhmu il ghala ma bakghux il bdieŭa taghna jiżirghu din ix-xitla.

Iż-żriħ ta dan il Cromb jista isir f'settembru, jeŭ bil mixtliet jeŭ bil bejtiet; jecc jinżara bil mixtliet, jitħaŭŭel mbaghad f'lôc bħalma jitħaŭŭel il Cromb l'ieħor; jecc bil bejtiet tieghu, icollu allura bżonn li icun irmondat; imbaghad jitnakka u jitbarraġ chif imissu. Ghal Marzu joħroġ il fjur, u iż-żerriegha li mbaghad jaghmel, tcun misjura ghall'aħħar ta Mejju.

W.

Mil LUCERNA TAL HAJJA.—36. Ir-rabta taghna mar-rieda t'Alla iggibilna il paċi, tatiħ gost cbir u tkaddisna.

# Michelanġ Sapjan,

li miet ħal Luka, daŭn il ġranet, ta 87 sena, chien ragel li jagħmel gieħ cbir lill Malta: u, li chien taljan, jeŭ franciż, jeŭ tedesc, jeŭ ta cull gens ieħor li jaf iħobb u ikim chif jixirkilhom il Cbar tiegħu, chiecu intleŭ bl'aħbar ta meŭtu il gażetti tal Eŭropa chif iddur: imma haŭn xejn: daŭc li jaħlu nofs colonna f'*Necrologija* ta Messaggier, jeŭ ta Suldat li jispara għar-rasu, jeŭ ta Tarbija tal-ħalib li tcun bint xi ħabib taħħom, bil-chemm tniffsu fuk il meŭt ta MICHELANĠ SAPJAN, MECCANICU CBIR, li, fost tant mâgni oħra, ħolok il *Velocipied* xi erbgħin sena kabel ma ħolmu biħ barra minn Malta. Conna għadna tfal, mita smajnieħ b'ŭidnejna ighid lil ŭieħed kassis jigi minn'na, li chien ħabib tiegħu: Maż-żmien, b'rota cbira u oħra żgħira taħtec, tcun tista tmur il Belt u tigi f'nofs siegħa u fit-triek tgħaddi bid-daħc il carozzi l'actar gerrejja!

MICHELANĠ SAPJAN chien imsemmi haŭn Malta bħala Arloġġar: u mhux biss il bicċa il cbira tal Cnejjes għandhom l'Arloġġ taħħom maħdum minnu, iżda il Gvern ucoll chien jisserva biħ f'cull gażiba li tiġrilu fl'Arloġġi tiegħu u it-Tarżna neħħeŭ l'Arloġġ li chien hemm biex jagħmlu ŭieħed għandu.

L'Arloġġi ta li Mgħallem Sapjan igħaġġbuc fuk collox bil ħeffa taħħom: b'erba' roti seŭ-seŭ u b'żeŭġ mażżri jeŭ tlieta, jaħdmu bl'actar rekka cbira, u idokku is-siegħat u il qŭarti bi mrietel ta cull daks, u juru mhux biss is-siegħat, il qŭarti u il minuti, imma ucoll il ġranet tax-xahar u tal gimgħa, b'mit logħob ieħor, bħalma huma canuni jisparaŭ fit-tali ħin, xama jinxtegħel ŭaħdu u sveljarini oħra tal-għageb. L'Arloġġi tiegħu b'*erba' faċċati* issemmeŭ barra minn Malta u bagħtu jordnaŭlu minnhom għall'akŭa bliet: fil *faċċata* (jigifieri fil *qŭadrant*) li turi il ġranet tax-xahar, il lancja takbeż ŭieħidha mita ix-xahar ma fihx 31 ġurnata! Hŭejjeġ li ma jitŭemmnux!...

Chiecu, 'mbagħd, nakbdu 'nsemmu cull-ma ivvinta fl'Arloġġi tal but u f'mâgni oħra żgħar u cbar, f'lôc nitfa ta articlu għall *Habib* noħorġu mn'idejna ctieb sħiħ: imma, b'dan collu, MASTRU CALANĠ katt ma mila rasu bid-duħħan, katt ma ried xejn mid-dinja u baka dejjem miġbur ir-Raħal tiegħu, bla tomna u bla sortù, bla medalji fuk sidru, bla tħaxchin mal Cbarat, bla serdìc mat-torok, imsaħħar biss missengħa tiegħu u mixħut fukha minn fil-għodu sa fil-għaxija, f'sicta ta kima għaliha u imħaġġeġ bil ħrara li dejjem jicxef ħŭejjeġ ġodda, chif chienu collha, minn Galilei ilhaŭn, il Cbar tas-seŭ li chellha id-dinja fil Meccanica.

Mhux il MEDALJA TAD-DEHEB li tâtu ix-*Xirca tal manifatturi, indusirji u cummerċ*, chien ħakku is-Sur Sapjan, imma il gieħ u it-tifħir tal akŭa *Xirchiet Meccànici* tal Eŭropa u fuk collox ix-xhieda ta għożża mil Gvern Ingliż, li żejjen bosta isdra għal ħiliet ŭisk iċchen minn tiegħu u xi drabi għal frugħat ta xejn: u, mingħajr xejn dubju, chiecu Michelanġ Sapjan chien ngħidu aħna franciż, miet tal-inkas *Cavalier tal Legjun tal Onur!*

Isimgħu dan il fatt. Id-Dŭanier Ferdinandu Inglott, K.C.M.G., ŭieħed mill'akŭa Capijet li chiseb haŭn f'mit sena il Gvern Ingliż, ried jagħmel *Miżien* għad-Dŭana ta rekka cbira, Miżien li, mgħobbi b'kantar f'cull cheffa, iħoss malajr żeŭġ kamħiet li jixteħtu f'cheffa minnhom: u talab il Conslu tad-deheb (chien is-Sur Naŭdi) jagħmillu disinn tiegħu. Id-disinn sâr u tressak kuddiem il Professur Napuljun Tagliaferro (li għadu ħajj u mimli bil għomor), biex, bħala Surmast tal Meccanica fil Liceo, ighid x'jidhirlu minnu. Imbagħd, imseŭŭi xi ftit minn dan il Professur, giè mirħi f'idejn id-Dŭanier Inglott: u dan bagħtu l'Ingħilterra, għand SIR PENROSE JULIAN, biex hemm jinsab Meccanicu cbir li jagħraf jaħdmu. Imma id-disinn giè l'ura, għax mill'Ingħilterra bagħtu ighidu li *Miżien ta dic ir-rekka collha, li jimmarca żeŭġ kamħiet fuk kantarejn pìs, ma jistax icun li isir*! Haŭn il Professur Tagliaferro ftacar f'MASTRU CALANĠ ta ħal Luka: bis-sensja tad-Dŭanier Inglott, taħ ix-xogħol: u, ŭara sitt xhur, għax is-Sur Sapjan chellu bżonn jivvinta u ivvinta ucoll *il għodda* biex jaħdmu, il MIŻIEN sar: u, f'lôc żeŭġ kamħiet, giè jimmarca it-tokol ta kamħa ŭaħda fuk kantarejn pìs: u baka cull-ħadd ħalku miftuħ bil gênju cbir ta dac il bniedem; u SIR PENROSE JULIAN, li xi sentejn ŭara giè Malta bħala Cumissjunarju tar-Regina Vittorja, mita id-Dŭanier Inglott, b'għajnejħ ilekku bil ferħ ta kalbu, urieħ il MIŻIEN, imŭakkaf f'nofs id-daħla tad-Dŭana, b'*Certificat* tal Professur Schinas (li imissu jitkiegħed il Museŭ) imdendel miegħu, ŭiegeb minn taħt il lsien: *Xi tridni ngħidlec! Dac li ma chellniex ħila nagħmlu l'Ingħilterra, għamiltuħ Malta!*

Iva: MICHELANĠ SAPJAN chien Meccanicu cbir, li, f'art oħra, chien isir miljunarju u sidru ma chienx jasa actar id-decorazzjonijet tas-Slaten u tax-*Xirchiet Meccànici*!

Scola chien jaf ħŭejjeġ żgħar: u dan juri actar li tiegħu chien Gênju—Gênju cbir li taħ Alla. Ma chienx tkandil ta cotba u ħtif ta għerf ħadd-ieħor: imma daŭl mogħti lilu.

Issa dan il bniedem cbir, umli fil ħajja u umli fil meŭt, għalak għajnejħ għal-dejjem: u il Maltin, li ftit iħobbu igħollu u ikimu lil min f'ħajjtu icun għamel gieħ lil din il Gżira, jinseŭħ f'kasir żmien, bħalma inseŭ ħafna Cbar oħra, li, f'pajjiż actar tal-ħakk, chien icollhom li statŭa taħħom imŭakkfa f'nofs ta piazza: iżda, mita din il csuħa (li mħabba l'ingliżati daret ma kalbna) toħroġ minn'na u narġgħu nisħnu bin-nar tal imħabba ta Malta, il Cbar tagħna isirulhom li statŭi u MICHELANĠ SAPJAN icun ŭieħed minnhom.

Mita?....Mita nistenbħu minn dan ingħas tagħna?....

# Ma dûar il Gżira.

Nitolbu lis-Sur Giuseppi Cassar, Assistent f'li *Scola tal Gvern* tar-Rabat (Għaŭdex), li jiscużana, għax, il gimgħa l'oħra, mita ħabbarna is-Sunett tiegħu li gibna illum, cunjomu f'lôc *Cassar* ħareġ *Attard*. Min jaf fejn chien moħħna dac il ħin u il pinna marret fl'isem ta chittieb ieħor!

—Kiegħdin inħallu xi articuli bl'*ortografija* tal chittieba taħħom: bicċa minnhom għax hecc iriduhom huma u talbuna biex ma 'mmissuhomlhomx—u oħrajn għax ma jakblu xejn mal *ortografija* tagħna u biex inseŭŭuhom icollna nictbuhom minn ġdid, ħaġa li ittellifna żmien ŭisk.

—Niżżu-ħajr lis-Sur Vincenzu Chetcuti li għoġbu jibgħatilna id-*Devot ta Marija* jeŭ *Il lampier fis-Santŭarju tal Carmelu*, RACCONT-STORICU meħud mil *Ŭard bla xeŭc* tal Cappillan Amabbli Sisner: ctieb ta 74 faċċata, li jinbieħ *żeŭġ soldi* (b'xejn!) għand *Ġanni Muscat* ta Strada Mercanti (taħt il *Monti*). Chif jicteb u x'jicteb il Cappillan Sisner, m'hemmx bżonn ngħidu, għax m'haŭnx min iħobb jakra bil Malti u ma jafux: ngħidu biss li id-*Devot* ta *Marija* stampat tajjeb ħafna u xtakna naraŭħ imxerred f'idejn cull-ħadd. Nirriccmandaŭħ b'kabna collha lill Karrejja tagħna.

—Il gimgħa id-dieħla, min jibka ħajj, ingibu kuddiem nett, chif jixraklu, articlu tal Onurabbli Professur Napuljun Tagliaferro I.S.O., li, biex ngħidu is-seŭŭa, aħna u nakraŭħ gibilna għajnejna ŭara ŭidnejna. Jismu: *Il Lsien Malti u il Marocchin*; u nitolbucom takraŭħ bil ġabra collha.

—Il bkija tal *Cungress ta Londra*, li, b'ħeġġa cbira, kiegħed jictbilna ir-Reverendu Cappillan ta ħal Luka, icollna nħalluha ucoll għall gimgħa li gejja. Frattant, niżżu-ħajr lil dan is-Sacerdot ħaddiem u tad-dehen li chien għoġbu jaħsbilna għal *Necrologija* tal mibchi u imfaħħar Michelanġ Sapjan (Alla jatiħ il Genna); u jiddispjacina li ma stajniex nisserveŭ biha, għax conna diġà ctibna fit-tul fuk dac il bniedem ta gieħ cbir għal din il Gżira.

—Chelmtejn biex niftehmu seŭŭa ma BIN-IL-KERK.—Le: dac is-Sunett ma narmuħx, għax għoġobna: imma x'isem ingibu taħtu? Nifthu l'ittra l'oħra jeŭ inħalluħ iffirmat bil *Pseŭdonimu*?....Nixtieku ucoll li dan il ħabib ġdid ma jictebx bil *q* f'ôc il *k* u bil *k* f'lôc il *ca. che, chi, co, cu,* għax, għad li, scond il Falzun u xi Chittieba oħra, ma għandux tort, jeŭ ifixchel il Karrejja tagħna li m'humiex imdorrijin jakraŭ hecc jeŭ jati ħafna xogħol lîlna biex inbiddlulu daŭc l'ittri collha. Chemm xtakna naraŭħ ŭiċċ-mb'-ŭiċċ dan is-Sinjur! Frattant, nitolbuħ jakra ucoll l'aħbar li gejja ŭara din.

—Xi uħud, bi żball, bagħtu daŭn il ġranet lill Monsinjur Dun Paŭl Galea ittri u ħŭejjeġ oħra li chienu għall *Habib*. Naturalment, ûaslulna li stess, għax Monsinjur Galea neŭŭilhom lîlna bla telf ta żmien; u daŭc li sata jagħraf minn barra li chienu għalina, inkas fetaħħom: imma chemm il darba għedna s'issa li l'ittri tal *Amministrazzjon* għandhom jinbagħtu lis-Sur *Anġ Galea*, strada Britannica, 53, u tad-*Direzzjon* lill *Procuratur Legali Muscat-Azzopardi*, strada Santa Lucia, 89?....Tas-seŭ li jista jinbgħat collox il *Palazz Caraffa*, strada Forni, 94, għax hemm għandna l'Uffizzju it-tnejn: imma tal *Amministrazzjon* lill'*Amministratur* u tad-*Direzzjon* lid-*Direttur*, chif fissirna bosta drabi.—Monsinjur Galea hu it-Tesorier tal *Caxxa tat-Tifdil*, li ma għandha x'taksam xejn mal *Habib*: u jinsab mgħobbi bix-xogħol biż-żejjed, biex ta cull ŭaħda iġagħluħ jarfa salibna ucoll.

—Marru tant nies għall *Cunferenza* li għamel Monsinjur Gaŭci, nhar is-sibt li għadda, fis-Sala il cbira tal Università, fuk il *Cungress Eŭcaristicu*, li aħna, bil biljett b'collox, għax indaŭŭarna ftit, ma stajniex nidħlu: mar tajjeb ŭisk: chellu applaŭsi cbar: u jingħad li il *Cunferenza* tarġa issir. Inkas is-Seminaristi ma sâbu post.

—Ilbieraħ tl'ura, mħabba il *Pontifical* tal festa tal *Cuncezzjoni*, il priedca tal Avvent f' San-Ġŭann ma saretx.

—Għoġbot ŭisk il Kuddiesa fuk il *Motu Propriju* li samma is-Sur Mast Ferdinandu Camilleri, nhar Santa Barbra, fil Cnisja taħħa (il-Belt, strada Rjali): u ma satax jonkos, għax l'aħŭa Camilleri u uliedhom għandhom demmhom magħġun mil *Gênju tal Mużica*. Nifirħulu.

—Irridu 'ndommu il ferħ tagħna ma ta bosta gażetti oħra, taljani u ingliżi, lis-Sur Mast Carlu Borġ, ta li Stitut tal Isla, li giè maħtur mil Ministru tal Gŭerra b'Eżaminatur tal Fizzjali tal Art u tal Baħar li icunu iridu igħaddu ta *Interpreti* (FISSIERA TAL ILSNA). Il Professur Borġ, li chien ħa ucoll *Medalji tad-deheb* mir-Re tal Italja, għax f'li Stitut tiegħu igħallem tajjeb ŭisk it-tfal tassudditi taljani tal Cottuniera, issa chellu din

is-sodisfazzjon cbira mill'Inghilterra: u bil ħakk collu, ghax mal ħila u mal ħeġġa ghandu il ħleŭŭa, il bżulija u il cunxienza.

—L'articoli tas-Sur Vassall u tas-Sur S.S. ŭaslulna tard ghal din il gimgha.

—Lill ħbieb ta Ghaŭdex, biex nuruhom li min chiteb dic ix-*Xarada* ma kalax il chelma *sâl* minn żniedu:—*Dizjonario Maltese-italiano-inglese di Giovanni Battista Falzon—tomo primo* ((l'aħħar stampa, *Giovanni Muscat*,1882) paġna 377: SÀL, JSUL—*ergersi, rizzarsi, levarsi in piedi, to get upon one's legs*; u igib seŭŭa-seŭ dan l'esempju, donnu moħluk ghalina: *Il chelb jsul ghat-tin fil ghôli*. Jecc dan m'hux biż-żejjed:—*Vocabolario della lingua maltese di* ANTONIO EMANUELE CARUANA, (1903) paġna 440: SÀL, JSUL—*sollevarsi, elevarsi*—«*Il kelb jsul fuq saqaih tagh uara.*»

—Ma xbajniex naraŭ u niflu il banchijet ġodda li saru ghat-tfal ta li *Stitut ta Educazzjoni Cattolica* f'San-Ġacbu tal Belt, ghax ix-xoghol taħħhom milkut minn collox u maghmul bil cunxienza ma satax jirnexxi aħjar u isbaħ. Ħadimhom li Mghallem Pietru Paŭl Bugeja, li jokghod il Birgu, strada Irlandese, numru tnejn; u nirriccmandaŭħ bil kalb collha li min irid ghall Cnejjes xoghol tajjeb u bir-rħis, fil ŭakt li nifirħu lir-Reverendu Canonicu Dun Carm Schembri, Direttur ta dac li Stitut, li gharaf jicseb opra hecc sabiħa u tal fejda.

—L'AMMINISTRATUR tal *Ħabib* iridna inħabbru lill'Imsieħbin taghna—l'actar lil daŭc ta barra mil Belt—li jistghu iħallu il flus tal *Abbunament* ghand is-Sur *G. Muscat* (il-Belt, strada Mercanti, numru 48, taħt il *Monti*), fejn, imbaghd, isibu ir-Rċevuta taħħom, ghax il giri tal Esattur ŭarajhom igib li spejjes, mentri huma jafu tajjeb li il *Ħabib*, bil prezz ċchejchen li biħ hu moghti lilhom, ma jistax iħalli klieħ: u, ghad li m'hux kieghed isir b'negozju, inkas hu seŭŭa li huma ma jaghmlux dmirhom collu biex l'*Unjoni Cattolica*, imŭakkfa ghall gid u ghall ghajnuna tal Ħaddiema u tal Fkar, ma icollhiex nef ka f'dan actar milli hu xierak.

## Ma dûar id-dinja.

*Inghilterra*—Fil caxex tal posta ta Londra giet mixħuta acqŭaforti u hecc geŭ mekruda eluf u eluf ta ittri. Jaħsbu li dan giè maghmul mis-suffragisti. Li stess ħaġa ġrat fil bliet ta Bermingham, Nottingham, Newcastle u bnadijet oħra.

*Aŭstrja* — Trieste, giet varata it-tielet Dreadnought, imsemmiha *Prinz Eugene*.

B'Degriet giet ipprojbita il ħarġa ta zŭiemel, u b'Degriet ieħor ir-rgiel collha minn ħamsin sena l'isfel geŭ imŭissiha li ghandhom ighejnu l'esercitu jecc meħtiegin.

*Inghilterra*—Scozja u fin-Nord tal Inghilterra, kieghed jaghmel bard straordinarju; il barumetru iħoss zero u taħtu ucoll: niżlet ucoll borra bil bosta.

B'regulament ġdid giè miżjud il ħlas tannies tal baħar.

*Italja u Tripli*—Enver Bey, il General tat-Toroc fi Tripli, ma iridx joħroġ bit-truppi miċ-Cirenajca ghaldakstant il Gvern Taljan heddu li, jecc ma joħroġx fis, jakbad l'armi contra tieghu, u ghad-demm li imħabba fiħ jixxerred hu jitħallas billi iżomm il gżejjer li chien ħa, u li scond il cundizzjonijit tal paci chellu jarġa jati f'idejn it-Toroc.

*Filippini*—Riefnu cbir scoppja fil gżejjer tal Filippini, l'acbar li hemm ġara: Tacloban qŭasi collha mgharrka: ghadhom ma jafux chemm mietu nies.

*Madagascar*—Riefnu ieħor cbir ghamel ħsara bil bosta f'Nopi-Be—ħafna djar ŭakghu, iż-żara giè mgharrak taħt l'ilma u mietu ħafna nies.

*Turchija*—Is-Serbi minghajr l'ebda resistenza ħadu Dibra u Durazzo, fl'Albanija.

Il Bulgari ħadu Didiagateh, imma kabel ma daħlu fiha, sar massacru cbir: actar minn 500 insara geŭ maktula.

Il Bulgari, il Montenegrini u is-Serbi iffirmaŭ il condizzjonijet ghall'Armistizju; iżda il Grieghi ma riedux iffirmaŭħ: ghaldakstant hemm biża li il biċċa titħaŭŭad, ghax kâlu li il condizzjonijet ma humiex tajjba.

Il condizzjonijet huma: Li l'Armistizju jibda li stess jum tal firma u icompli sa ma tigi mghakkda il paci;

Li jecc il paci ma tinghakdx, ghandhom ighaddu 48 siegha kabel ma tarġa tibda il gŭerra;

Li it-truppi ta cull-ħadd jibkghu fejn chienu fil ŭakt tal firma;

Li il fortizzi ta Adrjanopoli, Scutari u Ġannina, fiż-żmien tat-trattazzjoni tal paci, jistghu cull jum idaħħlu l'ichel;

Li il portijet ibbluccati jiġghu miftuħa;

Li it-trattazzjoni tal paci tibda Londra, fittlittax tax-xahar.

L'aħħar cumbattimenti chienu f'Adrjanopoli u Scutari, fejn it-Toroc tilfu ħafna nies. Iżda il Grieghi ghadhom icomplu il gŭerra: żeŭġ canunieri taħħom ibbombardaŭ Vallona fl'Albanija u il bombi ŭakghu bejn il Consolati tal Italja u tal Aŭstrja. L'Ambaxxaturi ta daŭna in-nazzjonijet f'Atene gharrfu lill Gvern Grieg li katt ma icun permess lill Grecja li hi iżżomm Vallona.

Il Grieghi bdeŭ jibbombardaŭ Ġannina.

L. M. C. G.

## In-Nisel Bla Tebgħa
### TA'
## MARIJA.

SUNETT.

Cantate Domino canticum novum.
PSALM XCVII. 1.

Bl-isbaħ curuna Lilec, o Marija,
Rasec żejjinlec il cbir Piju d-Disa',
Xħin b'vuci sħiħa li katt ma tintisa,
Mad-dinja xandrec «l'Int biss ħriġt bla ħtija».

Il Feddej tagħna, l'hu l-istess kdusija,
B-Omm Tiegħu ħtarec fost chemm huma n-nisa;
F'ġufec ingħalak u b'gisimna jinchisa,
U bniedem sar għal tant ħarxa tbatija.

Maħluka ruħec mill-Etern Cbir Alla,
Safja fid-dinja dħalt tcanta vittorja
Fuk is-Serpent, l'hemma ġo l-Eden ħalla

Żeŭġ imsejcnin jitniehdu l-hena u il glorja,
Li tilfu chienu chif geŭ minnu mkarrka,
U b'collu n-nisel f'baħar t'hemm imgħarrka.

GIUSEPPE CASSAR.

## Chitbulna:—

Fis-7 ta dicembru, 1912.

Sur Direttur tal *Ħabib*,

Mela, tas-seŭ li certi persuni ma jindenjaŭx ruħhom jakraŭ bil Malti, ghax, ghall *Politica* taħħom, iridu ighadduħ b'*Lingŭa tal ċċina*? Dac li annunzjat ilbieraħ il *Malta* fuk il Pellegrinaġġ Spanjol ghall Ruma u ghal haŭn, donnha ghamlet xi scuperta cbira, il *Ħabib* giebu—u mhux hecc xott, imma bid-dettalji collha—ILU GIMGHATEJN!

Possibbli li il karrejja tal *Ħabib* icunu jafu GIMGHATEJN KABEL dac li taparsi iħabbru bħala ħaġa ġdida il gażetti il cbar taghna?....

Ghoddni dejjem,
DUN ANTON *l'ieħor*.

## «MARA SUPPERVA»
## U «VITTORIA, VITTORIA.»

Daŭn iż-żeŭġ Cummidiji geu irrappresentati fit-Teatrini tal *Unione Cattolica* nhar il Ħadd leŭŭel ta Dicembru, fejn żammeŭ ghal tliet sighat kalb id-daħc il publicu numerus li chien jinsab presenti.

Rosina il mara supperva jeŭ aħjar nervusa chien is-Sur O. Cumbo u kala tant tajjeb il parti tighu, illi min ma jafx chemm hu ta manieri tajba, żgur kal li innatural tighu ghandu icun bil fors ħaj ŭisk.

Emilio żeŭġ Rosina chien is-Sur L. Scicluna, u dan ucoll ŭera chemm jaf jincorla biex jiccorriegi in-natural ħażin ta martu.

Giorgio ħu Rosina chien is-Sur E. Camilleri, li ŭera disposizioni taiba ghal palc, specialment meta icun ftit inkas nervus ŭara li jeħu actar confidenza mal palc. Tajjeb is-serv Damian u is-serva Maddalena (Allegretto u Cremona) fil fiacca li żammeŭ mil bidu sa l'aħħar ta veri xjuħ.

Fil «Vittoria» il parti ta Alessandro, id-Dilettant, ghamilha is-Sur A. Argento u fiha ŭera illi hu jafha tasseŭ l'Arti tad-Dilettant drammaticu, moħħu mimli dejjem bil bcejjeċ tal opri, accost li iħarbat iż-żŭjeġ u jinsa il gharusa.

Gervasio, missier il gharusa, chien is-Sur G. Mercieca, u ghal grazzja li ghandu jimita fil carattru, cont tghid li hu missier tasseŭ.

Sempronio, is-serv, chien is-Sur S. Cassar, u minn dan ma nghidux ħlief li ŭettak il fama tighu fil parti ta brillant.

Virginia, it-tifla ta Gervasio u imŭeghda lil Alessandro, chien is-Sur A. Borg, iżda il parti tighu ma chelliex impurtanti ħlief ix-xena meta kuddiem missiera trid teħles minn Alessandro biex tieħu il Giulio, li ghamilha mill aħjar.

Francesca, is-serva ta Gervasio chien is-Sur O. Cumbo, u ħeles b'ghakal cbir il parti difficili li chellu jaghmel fl'istess ħin, cioè ta serva, ta gharusa ta Sempronio serv maħħa u ta confidenti ta Virginia bint is-Sinjur.

Tajjeb is-Sur Camilleri fil parti ta Giulio, specialment meta ghakad iż-żŭjeġ ma Verginia fl'aħħar att.

Xejn inkas tajjeb is-Sur G. Dimech fil parti ta Tita is-serv ta Alessandro specialment meta irid jippersŭadi lil Sempronio biex jitħajjar jirrapresenta, ħalli ifittex jakla leŭŭel applaŭs.

Aħna natu lil cullħadd l'applaŭs taghna u applaŭs veru, mhux bħal dac li tat Francesca lil Sempronio b'dakka ta ħarta chif tmis fuk ŭiċċu.

VERAX.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.
## X'jen ?...

Jen narfa il min jaghrfani
u naktghu dlonc mill'art:
mieghu chemm trid insiefer
fis-sħana jeŭ fil bard:
iżda malli jitlakni
ŭaħdi ma naghmel xejn.

Ghalija 'n-nisa jaghmlu
u jonf ku 'l belli flejjes:
żŭieġhom ifittxu lili
biex jiccuntjaŭ li spejjes:
ghorrief u ghonja 'nserraħ,
fl'idejn; taħt il ħaddejn.

G. L.

L'aħħar TAHBIT IL MOHH chien:

«Żeŭgi imdaŭŭar bis-slaleb, tnejn fuk tnejn.»

Ma Giebux ħlief is-Sur Giuseppi Sciberras mil Belt.